MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 19/2008

**Costa del Sol Compnay Limited (C4642)**

**-vs-**

**Lorna Vassallo**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjetà attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma t'elf, mitejn u tmienja u hamsin Euro u ghoxrin centezmu (€1,258.20) rapprezentanti servizzi ta' *catering* rezi mis- socjetà attrici lill-konvenuta, liema ammont il-konvenuta sahansitra harget cheque sabiex thallsu liema cheque izda ma ssarrafx (Dokument CDS 1, 1A, 1B u 1C) anness ghalhekk is-somma mitluba hija certa, likwida u dovuta. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-3 ta' Dicembru, 2007 (€27.49 – Lm11.80) Dok CDS2 anness u bl-imghax mid-data li jinghata s-servizz sad-data ta' pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi ghalkemm hu veru li l-konvenuta harget cheque ta' Lm540 favur l-attur, dan ghamlitu bi zball minhabba l-qerq tal-istess attur ghax l-imsemmi ammont ma kienx dovut.

Illi l-ammont verament dovut lis-socjetà attrici kien ta' Lm360 jew €838.57 ghal liema ammont il-konvenuta diga baghtet cheque lis-socjetà attrici. Illi fil-kuntest tal-qerq tal-attur, il-konvenuta m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Curmi, Vince Muscat, Lorna Vassallo u Charlie Vella.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazjoni ta' Dr Joanne Vella Cuschieri ghas-socjetà attrici u ta' Dr Leslie Cuschieri ghall-konvenuta.

**Ikkonsidra**

Illi l-konvenuta riedet torganizza Wine and Pizza Night fis-6 ta' Lulju, 2007 u ftehmet mal-kumpanija attrici li dan l-avveniment isir f'restaurant taghhom maghruf bhala Costa del Sol Restaurant l-Ghadira. Il-ftehim kien illi hi thallas bir-rata ta' Lm3 ghall-kbar u Lm2 ghat-tfal. Ghall-bidu d-diskors kien li ser ikun hemm madwar ghoxrin ruh izda minn zmien ghal zmien bdew jizdiedu n-numri u l-konvenuta jew in-nies li kienu qieghdin jghinuha torganizza l-avveniment kienu jcemplu lir-restaurant u jinfurmawhom li qed jizdiedu l-ammonti tan-nies. Fl-ahhar spiccaw illi ftit granet qabel l-avveniment l-ammont ta' nies indikat li ser jattendu kien ghall-mija u hamsin izda dakinhar stess tal-avveniment filghodu, l-konvenuta kkonfermat illi l-*booking* kien ghal mitejn ruh.

Illi l-konvenuta wkoll kienet harget biljetti li hi stess innumerat u bdiet tqassamhom lill-*helpers* taghha biex dawn jinbieghu bil-prezz ta' Lm3.25c ghall-kbar u Lm2.25c ghaz-zghar u f'dan il-prezz kien inkluz wkoll t-trasport. Fis-serata l-konvenuta organizzat li jkun hemm anke muzika live.

Waqt l-avveniment il-persuni li attendew kienu jaghtu l-biljett lid-dirigenti tar-restaurant u b'hekk huma jkunu jistghu jiehdu l-ikel. Meta spicca l-avveniment qam dizgwit bejn is-socjetà attrici u l-konvenuta dwar kemm kien hemm nies prezenti ghal dan l-avveniment. Is-socjetà attrici bdiet tezigi li kien hemm mitejn ruh ghax il-*booking* kien ghal dan in-numru, izda l-konvenuta bdiet issostni li ma kienx hemm dik il-kwantita' ta' nies. Wara certu dibattitu l-partijiet imbaghad ftiehmu illi jahdmu l-kont fuq numru ta' mija u tmenin persuna bir-rata ta' Lm3 u dak il-hin sar ftehim u l-konvenuta harget cheque ghal Lm540.

Meta s-socjetà attrici ppruvat issarraf dan ic-cheque dan ma ssarrafx u Anthony Curmi li huwa d-direttur tal-kumpanija attrici xehed illi huwa pprova jsarraf dan ic-cheque tliet darbiet izda kull darba m'ghaddiex u fl-ahhar cempel lill-konvenuta u f'dak il-mument il-konvenuta nfurmatu ghall-ewwel darba illi dak ic-cheque ma kienx ser jissarraf ghaliex hi kien dehrilha illi ma kienx hemm mija u tmenin ruh. Hija offriet illi thallas Lm360 li huwa ekwivalenti ghal mija u ghoxrin persuna u anke baghtet cheque ghal-dan l-ammont izda l-attur ma accettax din l-offerta. Saru xi tentattivi biex jippruvaw jaslu fi ftehim izda dawn ma rnexxewx.

F'din il-kawza l-konvenuta qieghda ssostni illi meta hija harget ic-cheque ta' Lm540 dan ghamlitu minhabba f'qerq u minhabba zball.

Hemm dibattitu dwar kemm dawn iz-zewg eccezzjonijiet proprjament jistghux imorru flimkien billi ghalkemm it-tnejn jaghtu lok ghall-vizzju ta' kunsens, in-natura taghhom hija differenti. Dan l-punt gie konsidrat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fil-ismijiet **"Philip Borg Cardona et vs EFW Limited et" tat-8 t'Ottubru 2004 (96/2004 GV)** fejn intqal:

"Illi f'dana l-istadju l-Qorti hi tal-fehma li m'hemm ebda skorrettezza fl-azzjoni atturi billi f'dana l-istadju ghad irid jigi stabblit x'kien li ezattament irrenda vvizzjat il-kunsens ta' l-atturi u dana jista' jsir wara li jigu ezaminati fil-fond il-

atti li taw lok ghal dina l-azzjoni. Mhux eskluz lanqas li kunsens ta' l-atturi jkun vizzjat b'aktar minn kawzali wahda. F'dan il-kaz dina jista' jkun jew zball min-naha ta' l-atturi, jew qerq min-naha tal-konvenuti jew it-tnejn billi wiehed jista' jigi ndott fi zball minhabba qerq ta' haddiehor. Izda l-azzjoni prezenti hija wahda, cjoe' rexizzjoni ta' skrittura, pero' bazata fuq aktar minn kawzali wahda."

Ghar-rigward ta' provi dwar **qerq**, din il-prova tispetta lill-konvenuta u t-Tribunal jafferma minghajr ezitazzjoni illi ma saru l-ebda provi dwar dan. Il-buona fede ghandha tigi prezunta u l-piz tal-prova tal-frodi tispetta ghal min jallegaha (Art 982 (2) tal-Kodici Civili) u f'dan il-kaz din il-prova assolutament ma tirrizultax.

Ghar-rigward tal-vizju ta' kunsens minhabba zball l-konvenuta ma pprecizatx jekk dan huwa zball ta' fatt jew tal-ligi izda mil-provi mressqa u mis-sottomissjonijiet maghmula t-Tribunal jifhem li l-eccezzjoni mressqa hija din tal-"*error in substantia*".

In materja tajjeb li ssir referenza ghal-kawza deciza mil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"P.L. Joseph Zammit noe vs Joseph Fenech et" moghtija fl-4 ta' Marzu, 2004 (Cit. 1339/89 TM)** fejn intqal hekk:

"Ghar-rigward ta' l-allegat zball ta' fatt, l-artikolu 976 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi li

"L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita' tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim".

Skond il-gurisprudenza, l-izball fuq is-sustanza ghandu jkun determinanti, soggettiv, unilaterali u fuq kollox, skuzabbli (ara s-sentenza klassika fuq il-materja "Cutajar vs Petroni" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Lulju, 1969).

L-element ta' skuzabilita' jinsab affermat f'diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati. Hekk, fil-kawza "Mifsud vs Bonnici" deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Gunju, 1910, intqal li:
"*E' mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne' protezione ne' difesa".*
Fil-kawza "Pisani vs Mamo", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Novembru, 1933, intqal li:
*"La dottrina da accettarsi nella soggetta materia e' quella secondo qui l'errore non puo' addursi quando e' effetto di grande negligenza, per cui il contraente avrebbe potuto accorgersi dell'errore anche con lieve diligenza, perche' in tal caso e' da applicarse la massima qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire".*

Aktar ricenti, din il-Qorti fil-kawza "Piscopo vs Filletti" deciza fis-16 ta' Gunju, 2003, osservat li l-izball ta' fatt irid ikun sostanzjali u skuzabbli,
"*Ma hemmx zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fatti li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli".*

jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim".

Illi ghalhekk hemm dawn l-elementi li jridu jigu konsiderati:
i. l-izball jrid jkun fuq is-sustanza
ii. ghandu jkun determinanti, soggettiv, unilaterali u fuq kollox, skuzabbli.

L-konvenuta ssostni li meta accetat biex thallas l-Lm540 din d-decizjoni kienet bazata fuq zball ghax dak l-hin emmnet li kien hemm 180 ruh. Naturalment jekk hija kienet indotta f'dan l-izball, dan l-izball jkun wiehed li jolqot s-sustanza tal-ftehim ghaliex l-kunsens tal-konvenuta jkun qed jinghata ghaliex emmnet li kien hemm dik l-kwantita' ta' persuni. Din l-konkluzzjoni certament kienet determinanti. Dan kien l-fattur li wassalha biex tohrog c-cheque ta' Lm540. Kien t-twemmin taghha li kien hemm daqstant nies li wassalha biex taccetta li taghmel dak l-

hlas. Id-decizjoni kienet wkoll unilaterali. (Huwa propju minhabba dan l-element ghaliex t-Tribunal jidhirlu li jista' jkun hemm konflitt bejn eccezzjoni bazata fuq qerq u din fuq zball ta' fatt. Fl-ewwel kaz, wiehed jigi ndott fi zball mhux unilaterlament izda minhabba agir ta' haddiehor)

Però minkejja dan kollu it-Tribunal m'huwiex sodisfatt li l-konvenuta rnexxiela ggib provi sufficjenti sabiex turi illi meta hija harget ic-cheque ta' Lm540 dan hargitu b'rizultat ta' zball. Hija ssostni illi f'dak il-mument li harget ic-cheque ma kinitx taf li kien hemm hafna *helpers* li ma kienux bieghu l-biljetti kollha izda apparti li t-Tribunal isib din l-affermazzjoni qajla kredibbli u dan billi jirrizulta ampjament ipprovat illi fil-gimghat ossia granet qabel l-avveniment, il-konvenuta kienet konsistentement qieghda ccempel u tinfurma lill-kumpanija attrici illi n-numru tal-persuni kien qieghed kontinwament jizdied, anke jekk verament kien hekk, dan l-izball ma kienx skuzabbili. Hija donna qed tipprova tiddefendi ruhha fuq n-negligenza taghha stess billi hija messar accertat l-affarijiet sew qabel ma:

i. konfermat li l-booking kien ghal- 20 ruh u
ii. accetat li thallas Lm540 u tohrog cheque ghal dan l-ammont.

Certament min javza li n-numru tal-persuni qieghed jizdied ikun konxju li l-*bookings* qed jizdiedu u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jemmen illi fil-fatt kien hemm mija u ghoxrin biljett biss mibjugh meta fil-fatt l-organizzaturi tal-avveniment marru personalment fir-restaurant tas-socjetà attrici dakinhar stess filghodu biex jaccertaw li kollox kien sew u biex jikkonfermaw li l-ordni kienet ghall-mitejn ruh. Min jaghmel affermazzjoni f'dan is-sens ikun qed jaghmilha b'certa responsabbiltà.

In oltre illi waqt id-diskursata, ossia dibattitu, qabel ma l-konvenuta harget ic-cheque, il-konvenuta qalet li ssugerit li jinghaddu s-siggijiet u kienu d-dirigenti tas-socjetà attrici li rrifjutaw. Da parti taghhom id-dirigenti tas-socjetà attrici qalu illi kieku verament kien sar dan is-suggeriment huma kienu jaccettaw dan is-suggeriment bil-qalb kollha ghaliex fil-fatt kien hemm mitejn u ghoxrin siggu ppreparati.

Kieku verament xi hadd kien interessat jghodd is-siggijiet dakinhar, dan l-ezercizzju facilment seta’ jsir anke setghu jinghaddu l-imwejjed u dak il-hin kollox kien ghadu frisk fil-memorja tal-partijiet u setghu jivverifikaw din il-kwistjoni facilment.

Il-konvenuta esebiet numru ta’ dokumenti biex ssostni li di fatti kien hemm kwantità ta’ biljetti li m’inbieghux. Dan l-ezercizzju messu sar qabel ma harget c-cheque u, jekk ghamlitu wara, dan juri traskuragni da parti taghha u certament in-negligenza taghha ma tistax isservi bhala skuzanti. It-Tribunal m’ghandux dubju li verament kien hemm ‘l fuq minn 180 ruh (li minnhom kien hemm numru li kienu bla hlas) izda xorta wahda l-konvenuta harget bit-telf. Obiter t-Tribunal jzid jghid li jidher evidenti li mark-up ta’ 25 cents fuq kull biljett ma kienx sufficjenti biex jkopri t-trasport u l-live entertainment u l-complimentary tickets. M’hemmx dubju li l-avveniment kien ta’ success, forsi aktar minn kemm originarjament ikkalkolat l-konvenuta izda ma hasbitx bizzejjed ghal-ispejjez addizjonali li kien jinvolvi avveniment simili u mark up ta’ LM1 fuq l-prezz tal-kbar kien aktar indikat.
Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess t-Tribunal huwa sodisfatt illi dakinhar li l-partijiet verbalment ftehmu fuq in-numru ta’ mija u tmenin ruh u li l-konvenuta thallas Lm540, dan il-ftehim sar b’kunsens validu miz-zewg partijiet. Ma jirrizultax li kien hemm la zball u lanqas qerq li b’xi mod jannjenta l-kunsens moghti mill-konvenuta u konsegwentement it-talba attrici kif dedotta tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuta, jilqa’ t-talba tas-socjetà attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjetà attrici s-somma t’elf, mitejn u tmienja u hamsin Euro u ghoxrin centezmu (€1,258.20) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------